DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 180476** **06.03.2018**

## STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER

***L-Ispeaker Anġlu Farrugia jiltaqa' ma' studenti mid-Dipartiment tal-'Public Policy' fl-Università ta' Malta***

L-Ispeaker Anġlu Farrugia ltaqa' ma' grupp ta' studenti mid-Dipartiment tal-*Public Policy* fl-Università ta' Malta. Matul il-laqgħa l-Ispeaker spjega l-kunċetti bażiċi ta' demokrazija parlamentari - it-trasparenza, il-kontabilità u t-tmexxija tajba. F'demokrazija parlamentari l-Parlament hu awtonomu mill-eżekuttiv (il-Gvern) u mill-ġudikatura (il-Qrati). Din l-awtonomija - sanċità fil-Kostituzzjoni ta' Malta - hi neċessarja għall-ħarsien tad-drittijiet u għal-libertajiet fundamentali tal-individwu u tad-demokrazija f'pajjiżna.

L-Ispeaker tkellem dwar l-obbligu tal-Membri tal-Parlament li jikkontribwixxu għall-ġid komuni tas-soċjetà. Għaldaqstant tinħass aktar il-ħtieġa li l-Membri Parlamentari jkunu qrib in-nies biex jagħrfu l-ħtiġijiet soċjali, ekonomiċi, kulturali, politiċi, ambjentali, rikreattivi u oħrajn. Għal dawn ir-raġunijiet il-Parlament ifittex li jkun qrib il-poplu. Ir-rappreżentanti tas-soċjetà għandhom ikunu qrib il-Parlament biex iwasslu l-opinjonijiet, is-suġġerimenti u l-proposti tagħhom dwar suġġetti ta' interess għalihom u għas-soċjetà aktar wiesgħa. Il-Parlament iħeġġeġ djalogu bejn individwi, għaqdiet u assoċjazzjonijiet u l-Membri tal-Parlament. B'dan id-djalogu, l-individwi u l-għaqdiet iressqu l-fehmiet u l-proposti tagħhom dwar temi li jkunu parti mill-aġenda parlamentari u suġġetti oħrajn.

B'dan id-djalogu bejn il-Membri Parlamentari u s-soċjetà ċivili, il-Parlament, bħala istituzzjoni, iħeġġeġ lill-individwi jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħajja politika ta' pajjiżna biex il-proċess demokratiku f'pajjiżna jkun effettiv. Dan jieħu s-sura tiegħu mil-lat istituzzjonali u b'mod informali.

Bit-twaqqif tal-kumitati parlamentari dwar diversi oqsma tal-ħajja (kontijiet pubbliċi, affarijiet barranin u Ewropej, assistenza soċjali u l-familja, affarijiet ekonomiċi, is-saħħa, l-ambjent, l-edukazzjoni u l-kultura) fl-1995, dan id-djalogu sar strutturat. Matul iż-żmien, u sa mill-2015 meta l-Kamra tad-Deputati bdiet tagħmel użu minn dan il-bini, l-attivitajiet ta' sura informali żdiedu. L-iskop ta' dawn l-attivitajiet hu biex il-pubbliku jħossu viċin il-Parlament u biex il-Parlament ikun meqjus bħala d-dar tal-poplu. Dawn il-laqgħat informali jinkludu seduti speċjali tal-Parlament fejn individwi, għaqdiet u esperti, flimkien mal-Membri Parlamentari, mas-segretarji parlamentari u mal-ministri, u anke fil-preżenza tal-Prim Ministru u tal-Kap tal-Oppożizzjoni, jiddiskutu temi u suġġetti, proposti u suġġerimenti li jolqtu l-ħajja tal-poplu. Ma' dawn wieħed irid iżid inizjattivi biex jikber l-għarfien tal-pubbliku dwar il-patrimonju artistiku, letterarju u kulturali, il-ħarsien tal-ambjent, ir-rabtiet u l-ħbiberiji ma' popli oħrajn, u attivitajiet ta' natura filantropika u ta' solidarjetà soċjali.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt